MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1087/2002

**Raymond Magro u uliedu Claire, Ronald, Anabelle, Stephen u Saviour kollha ahwa Magro.**

**vs.**

**Rita Magro u Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tat-12 ta' Marzu 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Jessica Magro, Matlene Magro u Matthew Magro u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Settembru 2002 (a fol.1) fejn gie premess:-

Illi, l-attur Raymond Magro u l-konvenuta Rita Magro kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar fl-14 ta' Mejju 1977;

Illi, l-atturi Claire, Ronald, Anabelle, Stephen u Saviour ahwa Magro huma kollha ulied naturali taz-zwieg tal-attur Raymond Magro u tal-konvenuta Rita Magro;

Illi, l-attur Raymond Magro u l-konvenuta Rita Magro isseparaw *de facto* minn ma’ xulxin fl-1989 u sussegwentement isseparaw legalment permezz ta’ att pubbliku datat 20 ta’ Awissu 1996;

Illi l-konvenuta Rita Magro apparti l-ulied li kellha fiz-zwieg mal-attur Raymond Magro, kellha tlett ulied ohra u cioe’ Jessica, Matlene u Matthew imwielda fl-24 ta’ April 1991, fit-8 ta’ Dicembru 1994 u fl-10 ta’ April 1997 rispettivament, kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid Dok. “A”, Dok. “B”, Dok. “C”;

Illi *nonostante* li l-ulied Jessica, Matlene u Matthew gew registrati bil-kunjom Magro bhala wlied l-attur Raymond Magro, hemm suppozizzjoni ghall-fini tal-**artikolu 70 (a)** u **(b) tal-kodici Civili** li huma m’humiex ulied naturali tal-attur Raymond Magro u dan peress li fiz-zmien tal-koncepiment taghhom kien hemm impossibilta’ fizika da parti tal-attur Raymond Magro li jghammar ma’ martu l-konvenuta Rita Magro minhabba li kien il-boghod minnha kif ukoll minhabba l-fatt li fl-istess zmien huwa kien mifrud *de facto* jew legalment minn ma’ martu l-konvenuta Rita Magro;

Illi, l-istess atturi talbu lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti tal-ligi, l-attur m’huwiex il-missieri naturali tal-minuri Jessica, Matlene u Matthew u dan jekk ikun il-bzonn *okkorendo* l-operat ta’ esperti medici nominandi;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid ta’ Jessica, Matlene u Matthew billi fil-kolonni li fihom dettajli ta’ missier it-tarbija jitnehha isem l-attur Raymond Magro;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Raymond Magro datat 26 ta' Settembru 2002, fejn talab lil din il-Qorti biex tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhirlha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet tat-12 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Renzo Poresella Flores u lill-P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-affidavit attrici datat 20 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 15 ta' April 2003, a fol 23, fejn ecceppixxa bir-rispett:-

1. Illi l-attur Raymond Magro ma setghax jintavola din l-kawza ta' denegata paternita' peress illi skada t-terminu stipulat fil-ligi fl-**artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, Raymond Magro ma jistax jidher wahdu ghal uliedu Claire, Ronald, Anabelle, Stephen u Saviour ahwa Magro u jehtiegu l-awtorita' mill-Qorti skond l-**artikolu 131 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi peress illi jista' jkun hemm konflitt ta' interess bejn Raymond Magro u l-atturi l-ohra jista' jkun hemm htiega ta' hatra ta' kuratur biex jigu salvagwardjati l-interessi taghhom;

4. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-

talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi l-intavolar ta’ din il-kawza m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

6. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol 24 u fol 25 tal-process.

Rat ir-rikors tal-atturi et, datat 16 ta’ Mejju 2003, a fol 28 fejn talbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkordalhom differiment u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 19 ta’ Mejju 2003, a fol 29 fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 22 ta’ Mejju 2003, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ 50 jum kull wiehed b’ dan li l-attur kellu jirregola ruhu dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-attur datata 18 ta’ Gunju 2003, a fol 32 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, ta’ Claire Attard u Ronald Magro.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 9 ta’ Gunju 2003 fejn talbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Jessica, Matlene u Matthew kollha ahwa Magro fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 10 ta’ Gunju 2003, fejn gew ordnati s-soliti bandi.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Gunju 2003, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Leslie Cuschieri u lil PL Victor Bugeja bhala Kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 23 ta’ Lulju 2003, a fol 43, fejn talbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka n-nomina tal-kuraturi li saret fl-24 ta’ Gunju 2003, lill-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Gunju 2003, fejn l-inkarigu ta’ l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u tal-Prokuratur Legali Victor Bugeja gie revokat.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru 2003, fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenuta Rita Magro.

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata fil-4 ta’ Novembru 2003 izda baqghet ma’ pprezentat l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u baqghet kontumaci.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Frar 2004, fejn il-kawza giet differita sabiex l-attur jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal datat 1 ta’ April 2004, fejn Dr. Roberto Montaldo ghall-attur sostna li din il-kawza hija fil-konfront tal-ulied tal-attur u mhiex kawza ta’ denegata paternita’.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan stante li c-citazzjoni attrici giet notifikat lill-kuraturi deputati biss ricentement u ghalhekk l-kawza giet differita ghall-provi kollha ghas-16 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati datata 27 ta’ Mejju 2004 fejn ecceppew:-

(1) Illi peress li ghadhom kif kienu notifikati bl-atti tac-citazzjoni huma ma jafu xejn mill-fatti u lanqas bl-andment tal-kawza.

(2) Illi b’dankollu jidher li jekk il-kawza hija wahda ta’ denegata paternita’ allura wlied l-attur – cioe’ Claire,

Ronald, Anabelle, Stephen, u Saviour Magro – ma kellhomx ghalfejn ikunu ko-atturi ma' missierhom Raymond Magro u l-eccipjenti ghandhom jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghom.

(3) Illi jekk l-atturi qed isejsu l-kawza ffuq l-**artikolu 77 tal-Kap 16** is-separazzjoni bejn il-mizzewgin Raymond u Rita Magro mhux bizzejjed biex wahedha twaqqa' l-paternita' legittima tat-tlett minuri Jessica, Matlene, u Matthew Magro.
Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess kuraturi deputati annessa mac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati datata 11 ta' Gunju 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2004 fejn id-difensuri ndikaw lill-Qorti li l-Artikolu relattiv ghall-kawza stitwita mill-intimat huwa **Artikolu 77.** Dr. Roma D' Alessandro rrimettit ruhha ghall-provi prodotti. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI

Rat l-affidavit tal-atturi **Raymond Magro, Claire Attard u Renald Magro** minn fol. 33 sa fol. 37 tal-process, li gew prezentati permezz ta' nota datata 18 ta' Gunju 2003.

### (II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi din il-kawza saret sabiex il-minuri Jessica, Matlene u Matthew li gew registrati bhala ulied l-attur Raymond Magro jigu dikjarati li ma humiex ulied l-istess Raymond Magro. Din il-kawza hija wkoll miftuha mill-ulied naturali tal-istess attur u tal-konvenuta Rita Magro li huma Claire, Ronald, Anabelle, Stephen u Saviour, li huma ilkoll ahwa Magro. L-atturi talbu li l-ulied l-ohra tal-konvenuta Rita

Magro li huma Jessica, Matlene u Matthew issirilhom it-tibdil necessarju fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri Jessica, Matlene u Matthew bic-certifikati Nru. 2309/91, 31/95 u 1786/97 rispettivament u dan ghaliex qed isostnu li ma humiex ulied ta' missierhom.

Illi jidher car li l-atturi ulied Raymond Magro qed jipprevalixxu ruhhom mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-atturi, bhala ulied ta' Raymond Magro qed jippretendu li l-minuri Jessica, Matlene u Matthew m'humiex ulied missierhom, dan iffisser li huma ghandhom interess li jaghmlu din il-kawza.

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm, l-missier naturali tat-tarbija u lill-istess ulied kemm ta' l-attur u tal-konvenuta peress li din il-kawza hija disponibbli ghal kull min ghandu nteress, inkluz ghalhekk l-istess ulied ta' l-attur, apparti r-ragel tal-omm l-ulied mertu tal-kawza odjerna.

Illi dan ghaliex il-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' persuna.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' "impossibilta' fizika" hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilta' fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* ***("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").***

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** "stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;*

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et" (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) "Saviour Micallef noe et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) li skond il-provvedimenti tal-artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa biss jekk ikun hemm "*nuqqas ta' att ta' twelid jew tal-pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-artikolu 80 tal-Kap 16) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta'

fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo'"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 –

Cit Nru 1919/98/RCP) u “**Domenic Briffa vs Therese Fenech et”** (P.A. (RCP) deciza 30 ta’ Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

## (III) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li il-minuri Jessica, Matlene u Matthew ma humiex ulied l-attur Raymond Magro. Dan kollu nghad fl-affidavit ta’ Raymond Magro, ta’ Claire Attard u ta’ Renald Margo. Il-minuri Jessica, Matlene u Matthew twieldu meta l-attur Raymond Magro u l-konvenuta Rita Magro kienu separata *de facto.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Raymond Magro kien izzewweg lill-konvenuta f’Mejju 1997 u kellhom sitt itfal, hamsa minnhom atturi f’din il-kawza. Illi l-istess konjugi Magro ilhom separati *de facto* minn 1989, izda l-konvenuta kellha tlett ulied ohra Jessica li twieldet fl-24 ta’ April 1991, Matlene li twieldet fit-8 ta’ Dicembru 1994 u Matthew li twieled fl-10 ta’ April 1997. Jirrizulta li l-ewwel tarbija hawn indikata twieldet minn relazzjoni li l-istess konvenuta kellha ma’ certu Raymond Bianchi; wara din ir-relazzjoni spiccat u l-istess konvenuta kellha relazzjoni ma’ persuna Taljana bl-isem ta’ Enzo u minn din ir-relazzjoni twieldet Jessica u aktar il-quddiem twieled Matthew, izda dan twieled wara li l-partijiet kienu sseparaw legalment b’kuntratt f’Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi. Illi l-istess attur jghid li minn mindu ssepara fattwalment minn martu huwa qatt ma’ kellu l-ebda relazzjoni maghha u qatt ma’ ghex maghha, u dan huwa konfermat minn uliedu l-atturi Claire Attard nee’ Magro, u Renald Magro u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta li giet konkludentement ippruvata l-impossibilta’ fizika rikjesta mill-ligi, *stante* li l-attur qatt izjed minn 1989 l’hawn l-attur ma kellhux relazzjoni mal-konvenuta, u ghalhekk certament ma’ jistax ikun li l-istess ulied huma tieghu.

Illi minbarra dan jirrizulta li l-istess ulied il-konvenuta msemmija fic-citazzjoni attrici qatt ma’ kellhom l-istat ta’ ulied legittimi ta’ l-attur Raymond Magro, tant li qatt ma gew mantnuti minnhom u jidher li ma’ kellu relazzjoni ta’

xejn maghhom, u b’hekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta’ l-**artikolu 77 tal-Kap 16.**

Illi dwar l-azzjoni ta’ l-attur Raymond Magro ta’ *denegata paternita’* abbazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16,** l-istess azzjoni hija min-naha l-ohra perenta abbazi ta’ l-**artikolu 73 tal-Kap 16,** *stante* li tali azzjoni ma gietx ipprezentata fit-terminu hemm indikat.

B’hekk l-azzjoni attrici qed tigi milqguha biss abbazi ta’ l-**artikolu 77 tal-Kap 16.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta Rita Magro u filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku abbazi ta’ **l-artikolu 73 tal-Kap 16** fis-sens li l-azzjoni attrici abbazi ta’ **l-artikolu 70 tal-Kap 16** hija hekk prezentata, izda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fil-konfront tal-azzjoni attrici ttentata abbazi ta’ l-**artikolu 77 tal-Kap 16** u in kwantu biss l-eccezzjoni tieghu huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz abbazi ta’ l-**artikolu 77 tal-Kap 16, tilqa’ t-talbiet attrici** nkantu huma bbazata fuq l-imsemmi **artikolu 77 tal-Kap 16** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti tal-ligi, l-attur m’huwiex il-missier naturali tal-minuri Jessica, Matlene u Matthew li twieldu rispettivament fl-24 ta’ April 1991, 8 ta’ Dicembru 1994 u 10 ta’ April 1997.

*2.* Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-atti tat-twelid ta’ Jessica, Matlene u Matthew billi fil-kolonni li fihom dettajli ta’ missier it-tarbija jitnehha isem l-attur Raymond Magro w ukoll b’dan li d-dettalji kollha ta’ l-istess Raymond Magro jitnehhew mil-istess att ta’ twelid rispettiv ta’ kull minuri hawn indikat,

b’mod li l-istess attur ma jibqax jigi ndikat bhala missier l-istess minuri, u minflok jitnisslu l-kliem *“missier mhux maghruf”.*

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Rita Magro *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali azzjoni kienet necessitata’ minhabba l-agir taghha u mhux ta’ l-atturi jew tal-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------